MINUTI

## GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

## SEDUTA NUMRU 28 – Aġġornament

IL-ĦAMIS 20 TA' JANNAR 2011 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

*Is-Sindku pproponiet li jkun hemm sospensjoni ta' l-Aġenda biex il-Kunsill jiddiskuti materji urġenti. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.*

## I PJAN TA' ĦIDMA

i **Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-Pjan ta' Ħidma għat-3 snin li ġejjien. Dan ġie diskuss mill-Kunsill.**

**Is-Sindku A. Vassallo pproponiet li dan jiġi approvat. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Dan ġie approvat unanimament.**

## II APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Ġie approvat ukoll il-petty cash.

ii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrefera għall-pagament ta' arretrati lis-Sindku kif ukoll għall-pagament li sar lid-Dipartiment tat-Taxxa in konnessjoni ma dawn l-arretrati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-Memos maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-materja. Is-Sindku nfurmat li peress li kienet għada ma sarfitx iċ-ċekk ta' dan il-pagament qed tirritornah lura lill-Kunsill. Dan ġie kkanċellat mis-Segretarju Eżekuttiv u din infurmat li l-flejjes li tħallsu lil IRD se jinqatgħu mill-pagament ta' Jannar 2011.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III MOZZJONIJIET

### i Mozzjoni Numru 13

Suġġett: Waste Seperation Bags

Proposta minn A. Cachia Castelletti
Issekondata minn E. Muscat

Il-Kunsill iddiskuta din il-mozzjoni. Is-Sindku qalet li mhix legali li l-Kunsill jixtri affarijiet bħal boroż ta' l-iskart mill-fondi tal-Kunsill għall-użu personali tar-residenti. Il-Kunsillier E. Muscat qal li huwa għandu informazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li dan huwa permissibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tivverifika dan. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li dan ix-xiri qiegħed isir mill-profitt li l-Kunsill qed jagħmel permezz ta' l-iskema tal-iskart isseparat. Is-Sindku qalet li l-Kunsill mhux qed jagħmel profit għax il-flejjes li qed jiġu ffrankati l-anqas biss jammontaw għaż-żieda li kien hemm fil-kuntratt tal-Ġbir ta' l-Iskart Organiku.

Is-Sindku ppreżentat emenda għall-mozzjoni (kopja mehmuża) u qalet li fil-prinċipju hija taqbel li r-residenti għandhom jiġu mħeġġa jisseparaw l-iskart. Il-Kunsillier E. Muscat qal li jekk dawn il-boroż jiġu akkwistati b'xejn huwa jaqbel ma l-emenda peress li b'hekk ir-resident xorta jkun qed jingħata inċentiv. L-emenda kienet issekondata mill-Viċi Sindku A. Farrugia u l-Kunsillier F. Roe. Il-Kunsill iddiskuta l-emenda u ttieħed il-vot fuqha. Il-mozzjoni emendata għaddiet b'4 voti favur u vot kontra.

Fuq talba tal-Kunsillier F. Roe saret nota ta' kif ivvutaw il-Kunsillieri. Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri E. Muscat u F. Roe ivvutaw favur u l-Kunsillier A. Cachia Castelletti ivvota kontra.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III MOZZJONIJIET (jkompli...)

### ii Mozzjoni Numru 14

**Suġġett:** Bye Law dwar l-organizzazzjoni ta' Korsijiet

**Proposta minn** A. Vassallo
**Issekondata minn** F. Roe

Is-Sindku qalet li l-mozzjoni hija bbażata fuq il-Bye-Law tal-Kunsill tas-Swieqi. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li hu ma jaqbilx li l-Kunsill jintrabat b'lista ta' korsijiet u l-anqas dwar kemm għandu jkun i-massimu tal-prezz tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li fl-iskeda jitniżżel educational, cultural, vocational, sporting u handcraft courses. Il-Kunsill qabel ukoll li l-prezz għandu jitħalla barra peress li dan jista' jillimita l-korsijiet li jistgħu jsiru. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona wkoll xi emendi oħra li se jintbgħatu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal kunsiderazzjoni tagħhom.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

### iii Mozzjoni Numru 15

**Suġġett:** Skema mnedija mill-Awtorita' tad-Djar

**Proposta minn** A. Vassallo
**Issekondata minn** F. Roe

Il-Kunsill iddiskuta din il-mozzjoni u kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku rreferiet għall-proposta li kien għamel il-Perit dwar l-immaniġġjar tat-traffiku għal Triq il-Prinċipessa Margerita. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġew ippreżentati diversi proposti. Is-Sindku pproponiet li tiġi approvata l-pjanta emendata (kopja annessa) kif ukoll li z-zebra crossing/pelican lights jiġu nstallati fl-aktar post addattat hekk kif tapprova t-Transport Malta. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur u astensjoni. Fuq talba tal-Kunsillier F. Roe qed jitniżżlu l-ismijiet ta' kif kienet il-votazzjoni. Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri E. Muscat u F. Roe ivvutaw favur u l-Kunsillier A. Cachia Castelletti astjena.

ii Is-Sindku rreferiet għan-notifika tal-MEPA dwar l-installazzjoni ta' pontoons PA 04065/10. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ssir laqgħa mal-Perit C. Spiteri nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar 2011 fil-5.00p.m. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tinforma lill-Perit li l-Kunsill irid informazzjoni dwar x'se jinvolvi dan il-proġett ħalli jiġi identifikat x'impatt dan se jħalli fuq il-Lokalita' jekk jiġi approvat.

Is-Sindku ssospendiet is-Seduta fit-8.00p.m. biex l-Accountant tal-Kunsill Jispjega l-Financial Statements għas-Sena Finanzjarja li għalqet fl-aħħar ta' Diċembru 2011. Is-Seduta reġgħet bdiet fit-8.45p.m.

iii Is-Sindku pproponiet li l-Financial Statements jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dan ġew approvati nem con.

**Il-Laqgħa spiċċat fid-9.00pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar 2011 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv